# IL-KAXXA TAL-LAPSIJIET

Kaxxa kbira tal-lapsijiet kienet qed tistenna fl-armarju tal-klassi lil istudenti jidhlu lura l-iskola fl-ewwel jum taghhom wara l-vaganzi tas-sajf. Kull lapes holom kemm ser johloq kreazzjonijiet sbieh minn idejn dawk l-istudenti.



Wasal il-jum u dahlu l-istudenti fil-klassi taghhom. Kulhadd sab postu u fethu l-kaxxex taghhom fejn kellhom l-istrumenjti tal-kitba. Ilkoll hargu lapsijiet sbieh inzejna bil-fjuri, eroj u disinji kuluriti. Dawn kollha kellhom gomma fuq il-ponta taghhom fuq in-naha ta' fuq.

Il-lapsijiet tal-kaxxa mizmuma fl-armarju tal-klassi bdew jithassbu jekk l-istudenti kienux ser juzawhom. Kif jista' student jaghzel lilhom meta kellhom lapsijiet hekk sbieh. Hdejhom huma kienu koroh u zgur kienu ser iwarrbuhom. Imma xorta baqghu lapsijiet li l-iskop taghhom kien l-istess bhal dawk li kienu sbieh. Huma stennew bil-pacenzja forsi jinqala' xi hadd u jaghmel uzu minnhom.

Jum wiehed dahal srudent gdid fil-klassi. Jidher li kien gej minn familja fqira ghax la kellu lapsijiet u anqas pitazzi. U allura l-ghalliem fetah l-armarju u ha xi lapsijiet mill-kaxxa u tahomlhu biex jikteb bihom. L-istudent kien ferhan ser itir li kellu set ta' lapsijiet bhat tfal l-ohra; veru li ma kienux sbieh daqs taghhom, imma x'jimporta… li jghodd ma kienitx is-sbuhija tal-lapes, imma x'jista jaghmel bil-lapes.

Kiteb bosta stejjer sbieh, is-sommom ta' l-aritmetika kien igibhom kollha tajbin u l-ideat tieghu fil-kompnimenti li kienet taghti t-teacher

lit-tfal kienu tassew originali. U mhux biss l-istudent kien ferhan, izda ukoll il-lapsijiet li setghu jghinu lil istudent biex jesprimi l-ideat u l-kreazzjonijiet tieghu.

## MORALI

FIL-HAJJA LI JGHODD MHUX KEMM INTI HELU JEW SABIH, TWIL JEW QASIR, DGHAJJEF JEW SPORTIV, IZDA KEMM INTI KAPACI TIZVILUPPA L-HILIET TIEGHEK BIEX B'HEKK IKOLLOK SUCCESS